

## Kontrolli tal-pulizija u l-minoranzi: L-intendiment u l-prevenzjoni tal-‘profiling’ etniku diskriminatorju

**L-Artikolu 21** tal-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea](#) jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq diversi raġunijiet inkluż l-oriġini razzjali u etnika.

### ‘Profiling’ etniku diskriminatorju fl-UE

Meta użat bħala teknika ta’ investigazzjoni fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi, il-‘profiling’ etniku spiss issir referenza għalih bħala “profiling kriminali”. Dan it-tip ta’ ‘profiling’ juża indikaturi bħall-karatteristiċi fiżiċi, dehra jew imġiba sabiex joħorġu “deskrizzjoni ta’ suspettat”. Eżempji ta’ indikaturi li jistgħu jintużaw jinkludu l-etniċità, mod ta’ lbies, jew postijiet iffrekwentati.

Il-‘profiling’ isir illegali meta jkun diskriminatorju.

Il-‘profiling’ etniku diskriminatorju jinvolvi:

- li individwu jiġi ttrattat b’mod inqas favorevoli minn oħrajn li huma f’sitwazzjoni simili, eżempju, billi jiġu eżerċitati s-setgħat tal-pulizija bħat-twaqqif u t-tiftix;
- fejn din id-deċiżjoni li jiġu eżerċitati s-setgħat tal-pulizija tkun ibbażata biss jew prinċipalment fuq ir-razza jew l-etniċità tal-persuna.

### Għaliex il-‘profiling’ etniku diskriminatorju huwa illegali?

Diskriminazzjoni diretta għal raġunijiet ta’ razza jew etniċità hija illegali. Dan huwa prinċipju ta’ liġi internazzjonali u jinsab fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Meta s-setgħat tal-pulizija jiġu eżerċitati fir-rigward ta’ individwi u l-*unika raġuni jew ir-raġuni prinċipali* għal dan tkun ir-razza jew l-etniċità tagħhom, il-‘profiling’ ikun diskriminatorju.

Biex ma titqiesx diskriminatorja, kull deċiżjoni li jiġu eżerċitati s-setgħat tal-pulizija għandha tkun ibbażata fuq fatturi addizzjonali għar-razza jew etniċità ta’ persuna. Dan huwa l-każ anki meta l-oriġini razzjali jew etnika tkun rilevanti għall-operazzjoni jew politika partikolari.

### Statistiċi etniċi fl-UE

Informazzjoni statistika disaggregata għall-użu tas-setgħat tal-pulizija skont ir-razza jew l-etniċità mhijiex disponibbli f’hafta mill-Istati Membri tal-UE. Informazzjoni bħal din tista’ tintuża biex tgħin fil-prevenzjoni ta’ diskriminazzjoni.

L-ostakolu ewlieni għall-għbir ta’ dejta bħal din huwa l-interpretazzjoni komuni minn istituzzjonijiet nazzjonali li ħaġa bħal din tkun inkompatibbli mar-regoli li għandhom x’jaqsmu mal-protezzjoni tal-privatezza, b’mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta. Dan mhuwiex il-każ, diment li jkun jeżistu biżżejjed salvagwardji sabiex ikun żgurat li d-dritt għall-privatezza jkun protett.

Dejta statistika dwar l-etniċità – li ma tippermettix li l-individwu jiġu identifikati – tista’ tinqara flimkien ma’ evidenza dwar jekk il-kontrolli kinux ir-riżultat ta’ individwu li wettaq azzjoni illegali, jew kienu kapaċi jimpedixxu azzjoni bħal din. Fejn tkun teżisti disparità mhux dovuta bejn il-kontrolli fuq persuni minn minoranzi partikolari u r-rata ta’ kxif jew prevenzjoni tal-kriminalità, dan jista’ jissuġġerixxi dipendenza eċċessiva fuq l-oriġini razzjali jew etnika bħala kriterju, u l-eżistenza ta’ diskriminazzjoni.

Ir-Renju Unit huwa l-uniku pajjiż li b’mod sistematiku jiġbor u jippubblika d-dejta tal-pulizija dwar il-kontrolli, li tinkludi informazzjoni dwar l-etniċità ta’ dawk imwaqqfa. Id-dejta miġbura fir-Renju Unit hija disponibbli għall-pubbliku u għaldaqstant tista’ tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-kontabilità tal-pulizija.


Is-suċċess ta’ ħidmet il-pulizija bħala “servizz pubbliku” huwa marbut ma’ kif jiġu ttrattati komunitajiet differenti, u kif iħossuhom li jiġu ttrattati mill-pulizija. Relazzjonijiet tajbin mal-pulizija u fiduċja fis-servizz iwasslu għal livelli ogħla ta’ rapportar tal-kriminalità.

### Esperjenzi fir-rigward ta’ ħidmet il-pulizija minn minoranzi tal-UE

[EU-MIDIS](#), l-ewwel stħarriġ mifruq mal-UE kollha li staqsa lil gruppi ta’ immigranti u ta’ minoranza etniċi dwar l-esperjenzi tagħhom ta’ diskriminazzjoni u vittimizazzjoni kriminali fil-ħajja tagħhom ta’ kuljum, juri li:

- Minoranzi twaqqfu mill-pulizija aktar spiss mill-gruppi ta’ maġġoranza li jgħixu fl-istess viċinat fil-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Ungerija. Dan ma kienx il-każ fir-Repubblika Slovakkja, fil-Bulgarija, fl-Italja jew fir-Rumanija.

**Figura 1**  
**Imwaqqfa mill-pulizija matul dawn l-aħħar**  
**12-il xahar (%) (fost dawk kollha li wieġbu)**



(Nota, sar tqabbil bejn il-kontrolli tal-pulizija esperjenzati minn popolazzjonijiet ta' minoranzi u ta' maġġoranza f'għaxar Stati Membri tal-UE biss minn 27)

Taqisriet għall-pajjiż

BE = il-Belġju, BG = il-Bulgarija, DE = il-Ġermanja, EL = il-Greċja, ES = Spanja, FR = Franza, IT = l-Italja, HU = l-Ungerija, RO = ir-Rumanija, SK = ir-Repubblika Slovacka.

- Xi gruppi ta' minoranzi jesperjenzaw b'mod partikolari ħafna kontrolli mill-pulizija – pereżempju, Roma fil-Greċja li wieġbu li twaqqfu mill-pulizija esperjenzaw bħala medja kważi 6 waqfiet f'perjodu ta' 12-il xahar.

- Dawk li wieġbu li ġejjin minn gruppi ta' maġġoranza għandhom it-tendenza li jaħsbu li l-pulizija tirrispettahom, filwaqt li aktar minn dawk li wieġbu li ġejjin minn gruppi ta' minoranzi indikaw li l-pulizija ma turihomx rispettt.

Pereżempju, fil-Belġju, 85% ta' dawk li wieġbu minn popolazzjoni ta' maġġoranza qiesu li l-pulizija ma urithomx rispettt matul l-aħħar twaqqif tagħhom mill-pulizija, meta mqabbel ma' 42% ta' dawk li wieġbu ta' nisel Nord Afrikan u 55% ta' Torok li wieġbu.

- Gruppi ta' minoranzi li jipperċepixxu li twaqqfu mill-pulizija fuq il-bażi tal-isfond etniku jew immigrant tagħhom, għandhom livell iktar baxx ta' fiduċja fil-pulizija minn minoranzi li twaqqfu u li qiesu dan it-twaqqif bħala mhux relatat mal-isfond ta' minoranza tagħhom.
- Kull tieni vittma ta' minoranza ta' attakk, theddida jew fastidju serju qalet li ma rrapportawx dawn l-inċidenti lill-pulizija minħabba li ma kellhomx fiduċja li l-pulizija kienet sejra tagħmel xi ħaġa għalihom.

## Sfond

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) ippubblikat żewġ rapporti dwar il-kontrolli tal-pulizija u l-minoranzi:

- **Dejta taħt il-Lenti tal-EU-MIDIS 4: Kontrolli tal-pulizija u l-minoranzi** (Ottubru 2010)
- **L-intendiment u l-prevenzjoni tal-istigmatizzazzjoni etnika diskriminatorja: gwida** (Ottubru 2010)

Il-FRA intervistat 23,500 immigranti u oħrajn li wieġbu li kienu ġejjin minn minoranza etnika f'intervisti għal kwestjonarju li saru wiċċ imb'wiċċ fis-27 Stat Membru tal-UE kollha matul l-2008. 5,000 persuna oħra mill-popolazzjoni ta' maġġoranza li kienu qegħdin jgħixu fl-istess żoni tal-minoranzi ġew intervistati fil-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovacka u Spanja sabiex ikun jista' jsir tqabbil tar-riżultati prinċipali. Ir-riżultati ewlenin tal-EU-MIDIS huma disponibbli fuq [www.fra.europa.eu](http://www.fra.europa.eu)